MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 53/2007/1

Carmel Attard

Vs

Joseph Attard, Marisa Muscat, John Attard, Sika Attard

Il-Qorti,

**Accettazzjoni Tacita ta’ Eredita’ – L-intenzjoni tas-successibbli li jaccetta l-eredita’ trid tirrizulta b’mod univoku – Fid-dubju l-Qorti ghandha tiddeciedi kontra l-accettazzjoni ta’ eredita’ - Pubblikazzjoni ta’ att dwar trasferimenti *causa mortis* skond l-Att dwar it-Taxxa fuq Trasferimenti u Dokumenti.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-9 ta’ Mejju 2008. F’dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni u

qsim tal-wirt ta’ ommu Dolores Attard li mietet fit-2 ta’ Dicembru 1978. Qieghed jitlob ukoll il-legittima mill-wirt ta’ missieru Francis Attard li miet fit-22 ta’ Gunju 2004.

Min-naha taghhom il-konvenuti permezz tar-risposta guramentata li pprezentaw fit-8 ta’ Gunju 2007 (fol. 57) qeghdin isostnu, fost’eccezzjonijiet ohra li:

1. Il-konvenut ghandu qabel xejn jispjega ghalfejn qieghed jitlob il-legittima mill-wirt tal-missier.

2. It-talba ghall-porzjon rizervata hi nsostenibbli in kwantu l-attur ghamel atti ta’ eredi u ssoggetta ruhu ghal volonta’ tal-missier Francis Attard.

3. It-talba ghall-hlas tal-legittima m’hijiex proponibbli in kwantu l-attur m’ghamilx talba li hu ddekada mill-beneficcji mhollija lilu bit-testment li ghamel Francis Attard.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta Frar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum sabiex tinghata sentenza parzjali.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kontendenti huma ahwa. Din is-sentenza hi limitata ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenuti Joseph Attard, Marisa Muscat u Sika Attard. Il-konvenut l-iehor (John Attard) baqa’ kontumaci (ara riferta a fol. 3 a tergo). Omm il-kontendenti mietet intestata filwaqt li missierhom ghamel diversi testmenti, ghalkemm dawk li huma rilevanti huma tat-22 ta’ Settembru 1983 fl-ati tan-nutar Paul Pullicino (fol. 19) u tad-29 ta’ Novembru 2002 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani (fol. 32). Francis Attard miet fit-22 ta’ Gunju 2004.

2. L-ewwel eccezzjoni hi nfondata in kwantu persuna m'ghandha l-ebda obbligu li taghti spjegazzjoni ghalfejn tirrinunzja mill-wirt u taghzel li tircievi l-legittima. Skond l-Artikolu 846 tal-Kodici Civili (Kap. 16) hadd m'ghandu obbligu li jaccetta wirt li jmiss lilu. Min-naha tieghu l-atturipprezenta kopja tad-dikjarazzjoni tar-rinunzja tal-wirt ta' missieru (fol. 80) li saret fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja u rrizerva d-dritt ghal legittima. Ma kellu jaghti l-ebda prova ohra. L-Artikolu 615 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi (qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXVIII ta' l-2004):-

*"il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet, moghti mil-ligi lid-dixxendenti, u, fin-nuqqas ta' dixxendenti lill-axxendenti tal-mejjet"*.

Jedd li l-attur ghandu in forza tal-ligi, u bhala dixxendent ta' Francis Attard m'ghandu bzonn jaghti spjega lil hadd dwar id-decizjoni li ha li jitlob il-legittima (illum maghrufa bhala s-sehem rizervat).

3. It-tieni eccezzjoni hi fis-sens li l-attur accetta l-wirt ta' Francis Attard u ghalhekk m'ghandux jedd li jippretendi l-legittima. Accettazzjoni ta' wirt tista' tkun tacita jew espressa. L-Artikolu 850 tal-Kodici Civil jipprovdi li:

**850.** (1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.

(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.

(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.

L-oneru tal-prova qieghed fuq min jallega li kien hemm accettazzjoni; fil-kaz taghna il-konvenuti. L-accettazzjoni trid tkun neccessarjament tippresuponi l-intenzjoni li wiehed jaccetta l-kwalita' tieghu ta' eredi. Sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi li hemm accettazzjoni tacita, *"dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament,*

*minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri"* (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**, Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966).

Id-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret wara l-mewt ta' missier il-kontendenti, saret mill-konvenut John Attard. Ghalkemm John Attard deher f'ismu u hutu kollha u jidher ukoll li kien awtoriazzat biex jaghmel dan l-att, hu stess ikkonferma li qatt ma qal lill-konvenut x'kienu jghidu t-testmenti li ghamel missierhom (fol.110) u jidher li d-dikjarazzjoni *causa mortis* saret sabiex l-ahwa jaqdu l-obbligi li timponi l-ligi li hi ta' natura fiskali. Il-konvenut Joseph Attard xehed li *"nikkonferma illi hija John kien ha hsieb illi jhallas it-taxxa tas-successjoni. Nikkonferma wkoll illi ahna ma gejniex ikkonsultati. Anzi hadd minnha ma gie kkonsultat. Pero' ahna konna nafu li John se jiehu hsieb jaghmel il-causa mortis"* (seduta tat-22 ta' Frar 2008).

Inoltre, skond l-Artikolu 33 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Trasferimenti u Dokumenti:-

> (5) Il-werrieta jew il-legatarji li ma jkunux bi ħsiebhom jew li ma jkunux għadhom iddikjaraw li bi ħsiebhom jaċċettaw il-wirt jew il-legat jistgħu madankollu jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), iżda dik id-dikjarazzjoni ma għandhiex minnha nnifisha tkun prova li dak il-werriet jew legatarju jkun aċċetta l-wirt jew il-legat imħolli lilu.

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April 1962 (Vol. XLVI.i.214) fejn gie kkonfermat li denunzja m'hijiex att ta' eredi u lanqas accettazzjoni imma semplici att ta' konservazzjoni u amministrazzjoni u li biex issir m'hemmx ghalfejn ikollok l-intenzjoni li taccetta l-eredita'. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan ir-ragunament m'ghandux japplika wkoll fil-kaz ta' dikjarazzjoni *causa mortis*.

Il-Qorti hi wkoll sodisfatta li f'dak l-istadju l-attur kien ghadu ma jafx kif missieru kien iddispona mill-gid. Kien biss wara l-pubblikazzjoni tal-att pubbliku ta' trasferiment *causa mortis* li l-attur sar jaf kif missier il-kontendenti kien iddispona mill-gid fit-testment li ghamel fit-22 ta' Settembru 1983 fl-atti tan-nutar Paul Pullicino (fol. 19). Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2008 l-attur iddikjara: *"Jiena ma kontx gbart testmenti qabel hija ghamel id-denunzja. Kien hija illi jghidli tmurx tigbor testmenti qabel ma jiena nlesti d-denunzja...... Nikkonferma illi wara li jiena gbart it-testment, jiena mort bih ghand hija John. Kien dakinhar illi hija John kien qalli illi jien mizerja ser imisni mill-wirt tal-papa'. Kien hemm illi jien sirt naf x'kien ghamel il-papa. Jiena nsostni illi meta sirt naf b'dawn l-affarijiet hija John kien diga' ghamel id-denunzja ghand in-Nutar"* (fol. 113). Min-naha taghhom ma tressqet l-ebda prova min-naha tal-konvenuti li tikkontradici din id-dikjarazzjoni, u anzi x-xhieda tal-konvenut John Attard isservi biex tikkorabora l-verzjoni li nghatat mill-attur.

Il-konvenuti jsostnu wkoll li fid-29 ta' Novembru 2006 l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali li permezz taghha nterpella lill-konvenuti sabiex ***"sa zmien gimgha mid-data tal-prezenti tersqu sabiex tigi likwidata l-porzjoni dovuta lilu mill-wirt ta' ommok u missierkom"*** (fol. 97). Fl-istess att gudizzjarju jinghad ukoll: *"Ghaldaqstant, fin-nuqqas li intikom tghaddu ghal tali **<u>qasma</u>** fi zmien gimgha, il-mittenti mhux ser ikollu ebda triq ohra ghajr li jipprocedi ulterjorment kontra tieghek skond il-ligi"*. M'hemmx dubju li dan l-att gudizzjarju messu sar b'iktar attenzjoni in kwantu l-mod kif jigi redatt att gudizzjarju jista' jwassal ghal konsegwenzi serji hafna fuq il-pretenzjonijiet ta' min jaghmilhom. Il-porzjon rizervata hi *"sehem mill-beni tal-mejjet"* u min jitlob il-hlas tas-sehem rizervat m'huwiex meqjus bhala werriet u s-sehem m'huwiex mill-wirt. Qabel l-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att XVIII ta' l-2004, il-legittimarju ma kienx biss kreditur ta' l-eredita' in kwantu kellu porzjon mill-beni li halla d-decujus u rizervata lilu mil-ligi. Inoltre, dan id-dritt m'huwiex limitat fuq oggett partikolari u determinat tal-wirt imma fuq il-patrimonju ereditarju kollu. Fil-fatt sabiex tigi sodisfatta l-

legittima trid issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju kollu. Mill-atti processwali l-Qorti hi sodisfatta li hekk kif l-attur sar jaf bil-kontenut tat-testment tat-22 ta' Settembru 1983 fl-atti tan-nutar Paul Pullicino, wera d-disaprovazzjoni tieghu ghal mod kif missieru ddispona mill-gid tieghu. Il-konvenut John Atard spjega kif *"Hija Carmel Attard, l-attur, mill-ewwel qalli kif sar jaf x'kien ghamel il-papa fit-testment li hu ma kien ser jaccetta t-testment illi ghamel il-papa. Qalli wkoll li hu kien ser ifittex ghal-legittima. Qalli illi fit-testment hekk kien hemm miktub illi min ma joqghodx ghat-testment ikollu d-dritt tal-legittima u qalli li dik it-triq kien se jaghzel"* (fol. 108). Wiehed jifhem ukoll li f'dak l-istadju l-attur kien qieghed jippretendi l-legittima ghaliex mill-provi jirrizulta li missier il-kontendenti kien iddispona minn gidu kollu permezz ta' legati u ma kienx hemm gid x'jitqassam bejn l-eredi. Sahansitra dak li mess lill-attur minn din l-eredita' kien legati ta' mmobbli li kienu jifformaw parti mill-wirt ta' ommu. Din kienet tinkludi d-dar li bena l-attur stess fuq art li kienet proprjeta' parafernali ta' ommu. Fil-fatt it-testatur iddikjara li ***"...huwa jaf illi l-beni kollha f'dan il-prelegat kienu jappartjenu lill-eredita' tal-mejta martu"*** (fol. 22). Kif ikun hemm l-accettazzjoni min-naha tal-eredi jkollok konfuzjoni bejn il-patrimonju tad-decujus u dak tal-eredi u dan ta' l-ahhar jirrispondi ghad-debiti u l-legati li jkunu saru anke meta jissupperaw il-valur tal-assi ereditarji (sakemm l-accettazzjoni ma tkunx saret bil-beneficcju ta' l-eredita'). Mill-assjem tal-provi mressqa l-Qorti m'hijiex moralment konvinta li l-attur kellu xi intenzjoni simili minkejja dak li gie dikjarat fl-ittra ufficjali prezentata fid-29 ta' Novembru 2006. Il-Qorti temmen li fl-imsemmi att gudizzjarju intuza kliem infelici mill-avukat li kitbu, izda f'kull kaz m'ghandux iwassal biex wiehed jinferixxi li l-attur kien qieghed jaghmel dikjarazzjoni fis-sens li ghandu l-volonta' li jaccetta l-eredita' ta' missieru u jirrinunzja ghad-dritt li jitlob il-legittima. Tant hu hekk li anke fir-rikors guramentat l-atturi ppremetta, qabel ghamel it-talbiet, li *"ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati diversi drabi sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt fuq imsemmi l-konvenuti baqghu inadempjenti"* (paragrafu numru 7 – fol. 3). Ghalkemm qieghed jitlob il-hlas ta' legittima qieghed juza kliem li suppost jintuza f'kaz ta' qasma ta' wirt. Fattur li

jkompli jsahhah il-fehma tal-Qorti li dan hu sempliciment kaz ta' uzu ta' kliem mhux floku u mhux bhala manifestazzjoni ta' xi volonta' univoka da parti tal-attur li jaccetta l-wirt ta' missieru. Dan iktar u iktar meta mill-provi rrizulta li l-attur mill-ewwel ilmenta dwar il-mod kif il-missier kien iddispona mill-gid fis-sens li ghamel preferenzi ma' hutu u li mill-proprjeta ta' missieru ma kien messu xejn ghaliex il-legati kienu kollha ta' haga ta' haddiehor. Inoltre, mill-kontenut ta' ittra legali datata 19 ta' Frar 2007 (fol. 69) jirrizulta li granet wara l-ittra ufficjali datata 29 ta' Novembru 2006 kienet intbaghatet email (datata 14 ta' Dicembru 2006) mid-difensur tal-attur fejn saret talba ghall-hlas tal-legittima. Fattur li jkompli jsahhah il-fehma li mill-imsemmija ittra ufficjali ma tistax tikkonkludi li hi prova univoka tal-volonta' u l-intenzjoni tal-attur li jaccetta l-eredita'. Tant dan hu minnu li fl-ittra datata 19 ta' Frar 2007 id-difensur tal-konvenuti ddikjara: *"Tapprezza wkoll li kemm-il darba l-klijent tieghek ser jinsisti ghal-legittima u ghal-1/5, dan jostakola l-qsim skond it-testment. Ghalhekk id-decizjoni tal-klijent tieghek tincidi fuq kif ser nipprocedu, tant li qabel ma jiddikjara ruhu, ma jista' jsir l-ebda progress. Ghaldaqstant nissollecita lill-klijent tieghek jaghzel mill-aktar fis"*. Dan aparti l-fatt li fl-ittra ufficjali ma saret l-ebda riferenza ghal legati li thallew mit-testatur. Hi rilevanti r-riferenza ghas-sentenza li nghatat fil-kawza **Orazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] fit-3 ta' Ottubru 2003. F'dik il-kawza l-Qorti sahansitra waslet ghal konkluzjoni li ma kienx hemm accettazzjoni ta' eredita' ghalkemm min kien qieghed jitlob il-hlas ta' legittima kien parti f'kawza, fil-vesti tieghu ta' eredi, li fiha kien qieghed jigi mpunjat testment u ddefenda l-kawza bhala werriet tat-testatur. Rilevanti hu dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **Amadeo Mea et vs Albert Borg et**[2] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952 fejn gie kkonfermat li mill-att trid tirrizulta l-volonta tas-successibbli li jaccetta l-wirt, fis-sens li *"mhux bizzejjed li l-att jirrileva intenzjoni kwalunkwe, dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-*

[1] Imhallef P. Sciberras.
[2] Vol. XXXIV.ii.475.

*volonta' f'min jaghmlu li jaccetta l-wirt. Magistralment f'dan id-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' tar-Regina fil-kawza Azzopardi vs Mallia deciza fis-6 ta' Novembru 1916:- 'Mentre secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredita' un atto qualunque esprimente la volonta' d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessita' l'intenzione di accettare l'eredita', il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze piu' o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volonta di accettare (Kollez. XXIII.i.254)"*. Kompliet tghid li fid-dubju l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza[3].

Ghal dak li jirrigwarda d-dar Dorchant. Triq il-Wiehed u Ghoxrin ta' Marzu, Victoria, Ghawdex li qeghda fil-pussess tal-attur, inbniet fuq art li kienet proprjeta' parafernali ta' l-omm (Doris Attard). Fatt ikkonfermat mill-konvenut John Attard (seduta tal-5 ta' Frar 2008 – fol. 111), Joseph Attard (seduta tat-22 ta' Frar 2008) u Marisa Muscat (seduta tat-22 ta' Frar 2008). Pussess sa minn qabel il-mewt ta' omm il-kontendenti. Ghalhekk il-fatt li dan il-fond qieghed fil-pussess tal-attur ma jista' bl-ebda mod jippregudika t-talba tieghu ghall-legittima.

Ma jistax ma jigix rilevat li anke jekk wiehed kellu, ghall-grazzja tal-argument biss, ighid li l-konvenut accetta l-eredita' hu evidenti li m'ghandu l-ebda ntenzjoni li joqghod ghar-rieda tat-testatur. It-Tielet Artikolu tat-testment li sard fid-29 ta' Novembru 2002 ighid car u tond li:-

[3] *"L-att kompjut ghandu jkun essenzjalment univoku b'mod li ma jhalli assolutament ebda dubbju li s-successibbli, meta ghamel l-att, ma setax kellu intenzjoni ohra hlief dik li jaccetta l-eredita', u jekk dak l-att seta' ghamlu alio titulo jew mhux b'dik l-intenzjoni, l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza"* (**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto vs Nobbli Charles Vella Bonavita et** deciza mill-Prim'Awla fl-14/12/1966 – Vol. L.ii.482). Ara wkoll sentenza **Guido Sant Fournier nomine vs Lucy Demaria nomine** deciza fit-30 ta' Novembru 1966 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. L.ii.468).

*"Irid u jordna illi jekk xi hadd minn uliedhu ma joqghodx ghad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu kemm prezenti kif ukoll dawk kontenuti fit-testment precitat, huwa/hija ghandu jiddekadi minn kull beneficcju lilu mholli u **jiehu biss il-legittima spettanti bil-Ligi**"*.

4. It-tielet eccezzjoni hi wkoll nfondata. Il-konvenuti ma spjegawx fuq liema bazi qeghdin jippretendu li talba ghal likwidazzjoni u hlas tal-legittima ghandha tkun preceduta minn talba li l-attur iddekada mill-beneficcju tal-wirt. Kull min hu eredi u ghandu dritt li jitlob il-hlas tal-porzjoni rizervata jrid jirrinunzja ghall-wirt bil-mod li tikkontempla l-ligi. M'ghandu l-ebda bzonn ta' xi dikjarazzjoni simili ghal dik li qeghdin isostnu l-konvenuti. Dan apparti l-fatt li f'kaz ta' talba ghall-hlas tal-porzjon rizervata, m'hemm l-ebda dekadenza minn wirt imma biss rinunzja da parti tal-werriet. Issa, jekk il-konvenuti qeghdin jirreferu ghal fatt li fil-premessi tar-rikors guramentat l-attur ghamel riferenza ghal dik il-parti tat-testment tad-29 ta' Novembru, 2002 fejn it-testatur iddispona li min ma joqghodx ghad-disposizzjonijiet testamentarji, *"jiddekadi minn kull beneficcju lilu mholli u jiehu biss il-legittima spettanti bil-Ligi"* (fol. 2), b'daqshekk ma jfissirx li d-dritt tal-attur biex jitlob il-legittima jiddependi minn talba ghal dikjarazzjoni li hu ddekada minn kull beneficcju mholli lilu. Dan apparti li fir-rikors guramentat l-attur jippremetti wkoll li d-dritt tal-legittima jispetta lilu anke skond id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha tichad l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Attard, Marisa Muscat u Sika Attard bl-ispejjez kontra taghhom u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta' din id-decizjoni huma a karigu tal-konvenuti Joseph Attard, Marisa Muscat u Sika Attard.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------